Maltese
April 2002
[BHC-6055]

# Kanċer tal-Prostata: x'inhuma l-għażliet tal-kura?
# Prostate cancer: what are the treatment options?

Kull raġel għandu prostata, glandola żgħira li tipproduċi ftit mil-likwidu li hemm fiż-żerriegħa. Din tinsab fil-qiegħ tal-bużżieqa u qegħda mdawra mal-uretra (it-tubu li jieħu l-awrina mil-bużżieqa għall-għerq). Xi żmien f'ħajjithom, wieħed f'kull għaxart irġiel fl-Awstralja ssirilhom dijanjosi tal-kanċer tal-prostata. Dan is-soltu jeffettwa rġiel wara l-eta` ta' ħamsin u jsir aktar komuni fi snin aktar avvanzati. Madankollu, dan il-kanċer għandu tendenza li jikber bil-mod – il-biċċa l-kbira ta' l-irġiel li għandhom il-marda ma jmutux minħabba fiha.

## X'inhu l-kanċer tal-prostata?

Huwa normali li l-prostata tikber wara ċerta eta` (middle age). Dan jista' jikkaġuna sintomi, bħal bżonn biex tgħaddi l-ilma aktar spiss. Iżda prostata mkabbra mhix l-istess bħal kanċer. Kanċer huwa tumur malinn fil-prostata. Xi kultant meta jinsab kanċer, ikun għadu ma xteridx barra mil-prostata. Iżda xi drabi jixtered barra mil-prostata u jeffettwa partijiet oħra tal-ġisem. Meta l-kanċer tal-prostata jkun għadu fil-bidu ġeneralment ma jkunx hemm sintomi

## Kif tikkura l-kanċer tal-prostata?

Dan jiddependi minn ħafna affarijiet, inkluża l-eta` tar-raġel, kemm il-kanċer qed jikber malajr u jekk xteridx f'partijiet oħra tal-ġisem jew le.

Il-kuri jinkludu:

- **Operazzjoni**. Li tneħħi l-glandola tal-prosta kollha.
- **Terapija bir-Raġġi**. Jintuzaw raġġi-x biex joqtlu iċ-ċelluli tal-kanċer.
- **Brachytherapy**. Metodu ġdid ta' kura bir-raġġi – ġeneralment l-aktar addattat għall-irġiel b'kanċer żgħir li qed jikber bil-mod.
- **Ma tagħmel xejn – iżda tiċċekkja regolarment il-prostata għand speċjalista**. Tista' tkun għażla għall-irġiel b'kanċer li qed jikber bil-mod u jkunu avvanzati fl-eta`. (Jistgħu jkunu ta' aktar minn 70, per eżempju, jew ikollhom xi marda li tista' tqassrilhom ħajjithom.) Iżda xi esperti jgħidu li anki kanċrijiet li jikbru bil-mod jistgħu javvanzaw malajr u jeffettwaw is-saħħa tar-raġel.
- **Terapija bl-Ormoni**. Għalkemm operazzjoni u terapija bir-raġġi jistgħu jikkuraw il-kanċer tal-prostata, it-terapija bl-ormoni użata waħida tista' tikkontrollah biss, mhux tfejqu. Tista tikkontrolla l-kanċer milli jikber għal diversi snin. Ġeneralment tintuża meta l-kanċer ikun xtered f'partijiet oħra tal-ġisem.

### X'inhuma ftit mill-effetti ħżiena tal-kura?

- **B'operazzjoni, raġġi u brachytherapy.**

Riskju ta' diffikultajiet fil-funzjoni sesswali wara l-kura iżda jista' jkun hemm mezzi li jistgħu jgħinuk tegħleb dawn id-diffikultajiet. Hemm riskju wkoll ta' inkontinenza partikolarment wara operazzjoni iżda hemm kuri li jtejbu dan. Wara t-terapija bir-raġġi jista' jkun hemm xi taħwid fil-purgar u demm mill-imsaren.

- **Kura bl-ormoni**.
  L-effetti ħżiena jistgħu jinkludu telf ta' aptit għas-sess, diffikultajiet biex tiffunzjona sesswalment, nuqqas ta' enerġija, djufija fl-għadam, u sħanat.

**Kif tiddeċiedi liema hi l-aħjar kura?**
Minħabba l-effetti ħżiena, hemm ħafna affarijiet li għandek tikkunsidra qabel ma tiddeċiedi. Per eżempju raġel ta' 75 sena b'kanċer li qiegħed jikber bil-mod, jista' jippreferi li ma jagħmel kura xejn milli jħabbat wiċċu mal-effetti ħżiena tal-kura. Iżda wieħed ta' 55, b'kanċer li qiegħed jikber malajr, u forsi għandu aktar snin ta' ħajja quddiemu, jista' jagħżel operazzjoni. Importanti li tqatta' l-ħin tara l-punti t-tajbin u l-ħżiena ta' kull kura billi tiddiskutihom bir-reqqa mat-tabib tiegħek.

**Min jista' jagħtik aktar tagħrif biex jgħinek tiddeċiedi?**
Nies sewwa li għandek titkellem magħhom jinkludu:

- It-tabib u l-ispeċjalista tiegħek. Agħmel lista ta' l-affarijiet li trid tistaqsi. Tista' titlob ukoll lit-tabib tiegħek jirreferik għal speċjalista ieħor għal opinjoni oħra.
  Il-Cancer Helpline. Ċempel 13 11 20. (Hemm interpreti għal dawk in-nies li għandhom diffikulta` bl-Ingliż).

Għal aktar tagħrif dwar is-saħħa tal-prostata f'ilsna oħra u l-Ingliż, ara s-saħħa tal-prostata (Prostate health):x'jeħtieġ ikun jaf kull raġel fuq il-website tal-Komunikazzjoni Multikulturali (Multicultural Communication ) (dettalji hawn taħt).

Jekk teħtieġ għajnuna biex iċċempel bl-Ingliż, ċempel lis-Servizz tat-Traduzzjoni u Interpretar fuq in-numru 131 450.

Tista' ssib aktar tagħrif dwar is-saħħa fl-ilsien tiegħek fuq il-website tal-Komunikazzjoni Multikulturali (Multicultural Communication)
<http://mhcs.health.nsw.gov.au

In-numri tat-telefon huma korrretti fid-data tal-pubblikazzjoni iżda m'humiex kontinwament aġġornati. Forsi jkoll bżonn tiċċekkja n-numri fil-ktieb tat-telefon.